MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 135/2006

**Joseph Preca**

**vs**

**Registratur tal-Qorti, Avv. Richard Sladden u P.L. Liliana Buhagiar**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

**Talba u kontestazzjoni**

Ir-rikorrent qed jikkontesta d-drittijiet li gew intaxxati lil intimati Kuratur u Prokuratur Legali billi dawn gew intaxxati *ad valorem* meta fic-citazzjoni li fuqha nharget t-tassazzjoni, it-talbiet ma kienux jirrigwardaw valur determinat jew determinabbli izda kien hemm biss talba

ghal dikjarazzjoni. Ir-rikorrent isostni illi r-Registratur kellu ghalhekk jintaxxa skond Skeda A, Tariffa E, par. 33 u 15 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-intimati rrispondew illi t-talba li fuqha hija bbazata c-citazzjoni mhix wahda dikjaratorja izda hija talba ghall-konkluzjoni ta' l-att ta' bejgh ossija esekuzzjoni tal-promessa ta' vendita, (konvenju) ta' l-ishma ordinarji ta' Maria Dolores de la Fluente fil-Preluna Ltd. Illi t-taxxa ghandha tigi kkalkulata *ad valorem* fuq il-valur ta' l-ezekuzzjoni tal-konvenju li kellu l-prezz ta' Lm150,000 u mhux a bazi ta' talba dikjaratorja.

Ir-Registratur tal-Qrati pprezenta rettifika tat-taxxa rrilaxxata ghad-dritt tal-kuraturi peress illi t-talba fic-citazzjoni 879/06NC kienet wahda dikjaratorja u ma kellhiex tigi intaxxata *ad valorem*.

**Fatti**

Illi l-fatti skond ic-citazzjoni 879/04NC kienu li Maria Dolores de la Fluente hatret lil Francis Scicluna bhala prokuratur taghha biex ibiegh f'isimha ishma fil-Preluna Limited ammontanti ghal Lm150,000. Scicluna obbliga ruhu li jbiegh dawn l-ishma lil Joseph Preca u Preca hallsu l-ammont kollu ta' Lm150,000 u ftehmu li l-kuntratt ta' bejgh kellu jsir fi zmien tlett snin. Scicluna imbaghad harab minn Malta u peress illi Preca ried jissalvagwardja d-drittijiet pretizi minnu fuq dawn l-ishma talab lill-Qorti biex jinhareg mandat ta' inibizzjoni kontra de la Fuente illi jinibiha milli titrasferixxi dawn l-ishma jew tuzahom bhala garanziji ghaliha sal-gurnata tal-kuntratt ta' bejgh. Il-mandat kien intlaqa' u saret il-kawza fejn l-attur talab:

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi (u limitatament ghaz-zmien kollu li fadal sad-data ta' meta Maria Dolores de la Fuente tersaq ghall-firma u l-konkluzjoni ta' l-att ta' bejgh definittiv ta' l-imsemmija ishma skond il-konvenju hawn fuq imsemmi)

- twaqqaf u tinibixxi lill-imsemmija Maria Dolores de la Fuente milli tbiegh, tnehhi, titrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi propjeta' u b'mod partikolari l-ishma li l-imsemmija Maria Dolores de la Fuente tippossjedi tal-kumpanija Preluna Limited (C-56) liema ishma jammontaw ghal disgha u hamsin elf, mija u hamsin (59,150) ishma ordinarji tal-klassi "A" ta' Lira Maltija l-wahda fi Preluna Limited (C-56) u huma lkoll mhallsin u huma parti mill-ishma registrati bin-numri wiehed (1) sa' sebghin elf, erba' mija u sbatax (70,417) skond certifikat ta' Preluna Limited li jgib in-numri tmienja u disghin (98);
- kif ukoll milli tirhan jew b'xi mod iehor toffri tali ishma bhala garanzija ghal kull obbligazzjoni kontratta minnha".

**Tikkunsidra**

Is-sustanza tat-talba f'dik ic-citazzjoni 879/04NC kienet dik "li twaqqaf milli tbiegh u tinibixxi". Fl-ebda mumentma ntalab li l-Qorti tordna lil Maria Dolores de la Fuente li tersaq ghall-kuntratt ta' bejgh ta' l-ishma fi Preluna Limited, u dana kontra dak li qed isostnu l-intimati kuratur u Prokuratur Legali. L-attur talab li dina l-inibizzjoni tibqa' *in vigore* sad-data li fiha ghandu jsir il-kuntratt ta' bejgh ta' dawn l-ishma.

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-attur kien qal hekk fil-paragrafi 8 u 9: "Illi permezz ta' digriet li jgib l-istess data il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat il-hrug ta' l-imsemmi mandat t'inibizzjoni li jgib in-numru 1973/2004 fl-ismijiet "Joseph Preca v. Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-interessi ta' Maria Dolores de la Fuente". Illi ghalhekk sakemm isir il-kuntratt definittiv ta' trasferiment ta' l-ishma hawn fuq imsemmija, huwa mehtieg li l-effetti ta' dan il-mandat t'inibizzjoni jibqa' fis-sehh sakemm Maria Dolores de la Fuente twettaq l-obbligi taghha skond il-konvenju" (emfazi tal-Qorti).

Jidher ghalhekk illi l-iskop tal-kawza ntavolata mill-attur kienet dik illi thalli in vigore il-mandat ta' inibizzjoni sakemm tasal id-data li fiha kellu jsir il-kuntratt.

Originarjament id-deputat registratur intaxxa d-drittijiet tal-kuratur f'dina l-kawza a bazi tal-valur ta' l-ishma li dwarhom kien qed jintalab il-mandat ta' inibizzjoni u a bazi tal para.14 ta' Skeda A, Tariffa E tal-Kap 12 u cioe' "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit".

Imbaghad fil-mori tal-kawza u cjoe fis-16 ta' Frar 2006 r-Registratur tal-Qorti, biddel dina t-taxxa b'mod illi din ma baqghetx wahda *ad valorem* ibbazata fuq il-valur ta' Lm150,000, izda saret a bazi ta' Art. 15(a) u 33: Ghall kull dikjarazzjoni ohra mehtiega li jkun fiha d-decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt….

Ghalkemm mandat ta' inibizzjoni li jigi akkolt fih inniffsu ma huwiex rikonoxximent tad-dritt pretiz minn dak illi talbu, il-Qorti tkun sodisfatta illi *prima facie* r-rikorrent jidher illi ghandu dak id-dritt.

*"L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor ikun li jkun, inkella, milli thott jew taghmel tibdil f'bini jew f'xoghol iehor, jew li jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok, jew li taghmel xi haga tkun li tkun li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat." (Art.873 Kap 12 ).*

Il-procedura tal-mandati kawtelatorji hija, minnha nfisha, procedura preliminari; essenzjalment temporanea, li trid tigi segwita mill-kawza li fiha jrid jigi stabbilit jekk id-dritt vantat huwiex verament dritt pruvat.

Effettivament fil-kawza li ghamel Joseph Preca l-frazi operativa tat-talba f'dik il-kawza kienet "li twaqqaf milli tbiegh u tinibixxi" lill Maria Dolores de la Fuente limitatament ghaz zmien kollu li fadal sad-data meta kellu

jsir il-kuntratt definittiv. Fl-ebda mument ma intalab li l-Qorti tordna lil Maria Dolores de la Fuente tersaq ghall-kuntratt definittiv ta' bejgh ta' l-ishma fi Preluna Limited. Kieku t-talba tal-attur intlaqghet mill-Qorti huwa kien ikollu dikjarazzjoni mill-Qorti li Maria Dolores de la Fuente kienet giet semplicement inibita milli-tbiegh u mhux kundannata biex tersaq ghall kuntratt. Dak kien irid isir permezz ta' kawza ohra jekk hija ma kientx se tersaq ghall kuntratt. Ghalhekk ma jistax jinghad li d-dritt kellu jigi kalkolat fuq il-valur tal-esekuzzjoni tal-konvenju. Jekk imbaghad jigri li jsehh il-ksur tal-mandat l-uniku rimedju li kien ikollu r-rikorrent kien ikun ghal danni. Imma d-danni ma kienx jirkuprhom b'dika l-kawza imma kien irid jerga' jipproponi kawza ohra ghall danni minhabba dak il-ksur.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa' t-talba tar-rikorrent
Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------